IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2014
COM(2014) 562 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012

1. INTRODUZZJONI

L-istennija tal-għomor li dejjem qed togħla flimkien ma' rati tat-twelid baxxi se jirriżultaw f'tixjiħ kunsiderevoli tal-popolazzjoni tal-Ewropa. Hemm it-tendenza li ninsew li t-tixjiħ huwa akkwist kbir, partikolarment għaliex dan jirrifletti s-suċċessi miksuba fit-tnaqqis tal-mortalità, u l-potenzjali ta' għadd dejjem jiżdied ta' nies anzjani f'sikkithom u f'saħħithom. Minflok, ħafna drabi dan narawh bħala theddida għad-dinamiżmu tal-ekonomija u għas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura evoluti tal-Ewropa.

F'dan il-kuntest, f'Settembru 2010[1], il-Kummissjoni kienet ipproponiet li s-sena 2012 tiġi magħżula bħala s-sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv. Il-Kummissjoni enfasizzat li s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet tinżamm l-aħjar jekk niżguraw li dawk tal-ġenerazzjoni ta' 'baby boom' jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol u jibqgħu f'saħħithom, attivi u indipendenti kemm jista' jkun fit-tul. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw id-deċiżjoni dwar din is-Sena Ewropea f'Settembru 2011[2], u żiedu l-kliem "solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet" mat-titlu tagħha.

Bi qbil mad-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (minn hawn 'il quddiem is-"SE2012" jew "is-Sena"), dan ir-rapport janalizza l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-kisbiet ġenerali tas-Sena, u jkompli jibni fuq il-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni esterna[3].

2. KUNTEST

2.1. Thejjija tas-Sena

L-ewwel suġġerimenti li ssir Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet saru waqt il-presidenza Slovena fl-ewwel semestru tal-2008. F'Ġunju 2009, il-Kummissjoni varat konsultazzjoni pubblika bil-għan li tiġbor l-ideat u s-suġġerimenti mill-partijiet ikkonċernati ewlenin u mill-esperti dwar kif jista' jinkiseb l-ikbar impatt possibbli minn Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà Bejn il-Ġenerazzjonijiet.

Il-Kunsill wera interess f'din l-inizjattiva f'Novembru 2009 meta talab lill-Kummissjoni tiżviluppa attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv, fost affarijiet oħra permezz ta' Sena Ewropea.[4]

---

[1] COM(2010) 462 finali, 6.9.2010.

[2] Id-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012), ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5-10.

[3] L-Evalwazzjoni tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012 ("Evaluation of the European Year for Active Ageing and Solidarity between Generations 2012", Ecorys, December 2012), ibbażata fuq l-analiżi ta' dejta li nġabret minn stħarriġ ta' Koordinaturi Nazzjonali u partijiet ikkonċernati nazzjonali, minn intervisti, minn riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni, minn analiżijiet tal-midja soċjali u minn studji ta' każijiet.

[4] Council conclusions of 20 November 2009 on healthy and dignified ageing

L-għażla tat-temi saret b'approċċ komprensiv – l-impjiegi, is-saħħa u l-għajxien indipendenti, il-parteċipazzjoni, is-solidarjetà interġenerazzjonali – u kienet konsistenti ma' analiżijiet u inizjattivi politiċi li saru qabel dwar it-tixjiħ attiv fil-livell tal-UE u f'livell internazzjonali, iżda anki ma' kwistjonijiet ta' interess immedjat, b'mod speċifiku fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020. L-inklużjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ġiet promossa mill-Parlament Ewropew5.

Is-Sena Ewropea ħabtet mal-għaxar anniversarju tal-Pjan ta' Ħidma Internazzjonali ta' Madrid dwar it-Tixjiħ[6] li enfasizza li, bħala għan ewlieni ta' żvilupp, in-nies, huma u jixjieħu, għandhom jibqgħu jibbenefikaw mill-istess aċċess għall-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali u politika tas-soċjetà tagħhom.

2.2. Is-Sena Ewropea 2012 u l-għanijiet tagħha

Is-SE2012 fittxet li tindirizza l-isfidi ta' Ewropa li qed tixjieħ permezz tat-tixjiħ attiv fl-oqsma tal-impjiegi, tal-parteċipazzjoni u l-għajxien indipendenti, billi tqis il-ħtiġijiet u d-drittijiet tan-nies anzjani flimkien mal-potenzjal tagħhom u l-kontribut li jagħtu fl-ekonomija u fis-soċjetà.

L-għan ġenerali tas-Sena kien li jiġu mmobilizzati l-atturi rilevanti fil-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u tas-solidarjetà interġenerazzjonali. Fost dawn l-atturi hemm l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-komunità tan-negozju, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji.

L-għanijiet speċifiċi huma stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- li ssir sensibilizzazzjoni ġenerali tal-valur tat-tixjiħ attiv u li jkun żgurat li dan jingħata post ewlieni fl-aġenda politika;
- li jitħeġġeġ id-dibattitu, li jkun hemm skambju ta' informazzjoni u li jiġi żviluppat it-tagħlim reċiproku biex jiġu promossi politiki dwar it-tixjiħ attiv;
- li jinħoloq qafas għall-impenn u għall-azzjoni konkreta mill-Unjoni u l-Istati Membri bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati;
- li jiġu promossi attivitajiet li jgħinu biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età[7], biex jintgħelbu l-isterjotipi u l-ostakli.

2.3. Riżorsi

Id-deċiżjoni dwar is-SE2012 iddefiniet pakkett baġitarju ta' ħames miljun euro għall-perjodu ta' bejn Jannar 2011 u Diċembru 2012. Ma ġewx allokati krediti ġodda għas-Sena Ewropea, u

[5] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-isfida demografika u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (2010/2027(INI)).

[6] United Nations Report of the Second World Assembly on Ageing, Madrid, 8-12 April 2002. A/CONF.179/9.

[7] Ara d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol

l-finanzjament ittieħed minn approprijazzjonijiet finanzjarji eżistenti. Il-baġit għas-Sena Ewropea ntuża primarjament biex jiffinanzja l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tas-Sena (il-websajt tal-UE, sostenn lill-Istati Membri għall-komunikazzjoni, pubblikazzjonijiet, vidjos, xogħol ġurnalistiku, eċċ.), b'ammonti iżgħar miżmumin għall-ftuħ tal-konferenza fid-Danimarka u għall-għeluq f'Ċipru, kif ukoll għall-evalwazzjoni esterna tas-Sena.

Meta mqabbla ma' Snin Ewropej oħrajn riċenti, is-SE2012 kellha baġit ferm iżgħar. Minħabba f'hekk, ma kienx disponibbli finanzjament dirett għall-Istati Membri. Madankollu dan ma naqqasx l-impenn tagħhom lejn is-SE2012. Il-finanzi allokati għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni ntużaw biex isostnu għadd kbir ta' attivitajiet fil-livell nazzjonali.

L-evalwaturi esterni sabu li l-istrutturi maniġerjali u l-għodda li ntużaw fil-livell tal-UE kienu xierqa u ħadmu sew.

3. IS-SENA EWROPEA 2012 - L-IMPLIMENTAZZJONI U L-ATTIVITAJIET EWLENIN

3.1. L-attivitajiet fil-livell tal-UE

Il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet fil-livell tal-UE kienu maħsubin biex isostnu lill-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri u biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-Sena Ewropea. B'hekk il-programm tal-UE ġie implimentat b'kooperazzjoni mill-qrib mal-koordinaturi nazzjonali għas-Sena Ewropea u mal-Koalizzjoni tal-Partijiet Ikkonċernati. L-attività ewlenija fil-livell Ewropew kienet kampanja ta' komunikazzjoni u promozzjoni implimentata minn kuntrattur.

Il-punt ċentrali tal-attivitajiet ta' din il-kampanja kien il-websajt tas-SE[8] li xandar l-informazzjoni fi 23 lingwa, iżda ħafna mill-kontenut dwar inizjattivi speċifiċi seta' jixxandar biss bil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż ikkonċernat u bl-Ingliż. Il-websajt ippropona wkoll materjal promozzjonali għall-użu mill-partijiet ikkonċernati waqt l-avvenimenti tagħhom.

Il-kuntrattur tal-komunikazzjonijiet ikkoordina netwerk ta' relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir (l-istampa / l-internet / ir-radju u t-televiżjoni) biex kemm jista' jkun tinfirex il-komunikazzjoni magħhom dwar l-avvenimenti ewlenin; dawn tal-aħħar ixxandru wkoll f'bullettin ta' kull xahar.

Inħarġu ħames pubblikazzjonijiet b'appoġġ tal-partijiet ikkonċernati. Tnejn minn dawn kienu lesti qabel ma bdiet is-Sena u taw il-fatti u ċ-ċifri: il-"Eurobarometer Special Survey on Active Ageing" (li pprovda skedi informattivi speċifiċi għal kull pajjiż tal-UE lil 27 Stat Membru u lil ħames pajjiżi li mhumiex fl-UE)[9], u l-Eurostat ħareġ ritratt statistiku dwar it-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet[10].

Eżatt qabel il-bidu tas-Sena, ġie ppubblikat fuljett bit-titlu "How to promote active ageing in Europe", prodott konġuntament mill-Kumitat tar-Reġjuni u l-Pjattaforma Ewropea tal-AGE,

[8] http://europa.eu/ey2012

[9] http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/eb_special_379_360_en.htm

[10] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-EP-11-001

biex jgħarraf lill-partijiet ikkonċernati dwar l-iskemi ta' finanzjament li jistgħu jintużaw b'rabta mat-tixjiħ attiv, u stieden lill-partijiet ikkonċernati, partikolarment dawk reġjonali u lokali, biex jagħmlu l-aħjar użu minnhom possibbli. Tabilħaqq, waħda mill-ġustifikazzjonijiet biex is-SE2012 ma ġietx allokata baġit ikbar kienet li ħafna mill-attivitajiet setgħu jieħdu l-finanzjament permezz ta' programmi eżistenti.

The Social Europe Guide "Demography, active ageing and pensions"[11] tat idea ġenerali tax-xejriet demografiċi ewlenin li qed tiffaċċa l-Ewropa, kif ukoll tar-reazzjonijiet politiċi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minn dawn ix-xejriet. Il-fuljett dwar "Il-kontribut tal-UE għat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet"[12] ta f'aktar dettall il-bosta inizjattivi tal-UE li jistgħu jgħinu lil dawk li jfasslu l-politika u lill-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri biex jimplimentaw l-aġenda dwar it-tixjiħ attiv. Huwa enfasizza li t-tixjix attiv jirrikjedi interventi politiċi f'ħafna oqsma differenti, bħalma huma dawk tal-impjieg, il-pensjonijiet, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-innovazzjoni, ir-riċerka, it-trasport, l-ICT u d-djar.

Il-Kummissjoni Ewropea organizzat ukoll ħafna avvenimenti u konferenzi matul is-sena. L-evalwazzjoni esterna kkonfermat il-kontribut qawwi ta' dawn għall-kisba tal-għanijiet tas-SE2012.

L-avveniment tal-ftuħ, bit-titlu “Stay Active – what does it take”, li ġie ospitat mill-Presidenza Daniża tal-UE f'Copenhagen fit-18 u d-19 ta' Jannar 2012. Il-programm ta' jumejn inkluda d-diskorsi ta' żewġ ministri tal-gvern Daniż u ta' żewġ Kummissarji tal-UE. Is-seduti indirizzaw firxa ta' temi, fosthom kwistjonijiet dwar is-suq tax-xogħol, kif wieħed jibqa' attiv u f'saħħtu, l-inklużjoni u l-għoti tas-setgħa, l-innovazzjoni u l-volontarjat.

"Ir-rapportaġġ dwar it-tixjiħ u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet" kien it-titlu ta' konferenza li saret fi Brussell fid-19 u l-20 ta' Marzu. Dan kellu l-għan li jagħti opportunità lill-ġurnalisti jaqsmu l-ideat tagħhom dwar kif għandhom ikopru kwistjonijiet marbutin mat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet fil-mezzi tax-xandir.

Fit-3 ta' April 2012, saret Konferenza dwar is-Sħubija ta' Innovazzjoni Ewropea dwar it-Tixjiħ f'Saħħtu u Attiv, "European Innovation Partnership on Active and Healthy Ageing: From plan to action" biex jinġabru l-ideat dwar kif jistgħu jiġu implimentati l-azzjonijiet tas-Sħubija. Il-Kummissarju László Andor fetaħ il-konferenza b'diskors li fih enfasizza s-sinerġiji bejn is-SE2012 u s-Sħubija.

Il-konferenza dwar il-governanza tajba għat-tixjiħ attiv u b'saħħtu, “Good governance for active and healthy ageing” (Brussell, l-4 ta' Ġunju 2012), uriet li l-promozzjoni tat-tixjiħ attiv teħtieġ tfassil tal-politika integrat, li jinvolvi livelli diversi ta' gvern u oqsma politiċi differenti.

Il-konferenza “Active ageing-the potential for society” li saret bejn id-9 u l-11 ta' Lulju 2012 f'Dublin, bi ftuħ mill-Kummissarju għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Ms Máire Geoghegan Quinn, kienet tiffoka fuq l-aspetti umani u soċjali, kif ukoll l-implikazzjonijiet tat-tixjiħ attiv, u fuq ir-relazzjonijiet bejn it-tixjiħ, l-ekonomija u l-innovazzjoni. L-avveniment studja wkoll l-oqsma fejn hemm ħtieġa ta' aktar riċerka u nieda l-pubblikazzjoni "Population ageing in

[11] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=6805

[12] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=8710&langId=en

Europe: facts, implications and policies", li tippreżenta r-riżultati tar-riċerka ffinanzjata mill-UE dwar id-demografija.

Il-konferenza tal-Kummissjoni "One Step Up in later life: learning for active ageing and intergenerational solidarity" (Brussell, 19-21 Novembru 2012) ġibdet rappreżentanza qawwija minn: awtoritajiet governattivi, fosthom il-Koordinaturi Nazzjonali tal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea tat-Tagħlim għall-Adulti; partijiet ikkonċernati internazzjonali, Ewropej u nazzjonali; l-edukazzjoni għolja u r-riċerka; is-sħab soċjali; in-negozji; u proġetti ffinanzjati fil-Programm Grundtvig għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Ir-riżultati ta' din il-konferenza kienu Memorandum u sensiela ta' studji kuntestwali dwar it-tagħlim għal tixjiħ attiv u f'saħħtu u l-impjieg u t-tagħlim interġenerazzjonali.

Fit-13 ta' Novembru 2012 saret ċerimonja ta' premjazzjoni fi Brussell tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet. Din iffokat fuq nies li huma ta' ispirazzjoni u fuq inizjattivi li taw kontribut sinifikanti lit-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Il-Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, is-Sur László Andor, ħabbar ir-rebbieħa tas-seba' kategoriji ta' premijiet.

Il-Premju annwali tal-UE għall-Belt Aċċessibbli, li ngħata mill-Viċi President Viviane Reding fit-3 ta' Diċembru 2012, ta attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà tan-nies anzjani. Fost il-ġurija tal-UE kien hemm rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-anzjani. L-avveniment tal-għeluq tas-SE2012 "From visions to actions" sar f'Nicosia fl-10 ta' Diċembru 2012. Dan inbeda b'dikjarazzjoni mill-President tar-Repubblika ta' Ċipru, u wara sar diskors mill-Kummissarju László Andor. Il-programm kien ikopri firxa ta' kwistjonijiet, fosthom il-qagħda preżenti tat-tixjiħ fl-Ewropa u l-potenzjalitajiet tal-anzjani li s'issa għadhom mhumiex jintużaw.

Minbarra l-attivitajiet li nbdew mill-Kummissjoni Ewropea u l-Presidenzi, tul is-Sena kien hemm attivitajiet ta' xi istituzzjonijiet oħrajn ukoll, li ħadmu mill-qrib mal-koalizzjoni tal-partijiet ikkonċernati u mas-soċjetà ċivili.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kien attiv b'mod partikolari tul is-Sena Ewropea. Dan ħalaq grupp biex jikkoordina l-attivitajiet marbutin mas-Sena. Il-grupp organizza ħames avvenimenti pubbliċi fuq temi differenti u konferenza tal-għeluq tas-Sena[13].

Il-Kumitat tar-Reġjuni wkoll ta kontribut importanti għas-Sena billi fl-14 ta' Frar 2014[14] organizza Forum bil-għan li jistimula aktar inizjattivi ġodda fil-livelli lokali u reġjonali, u li jinħalqu aktar sħubijiet għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u biex tissaħħaħ is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

Is-SE2012 gawdiet ukoll l-appoġġ qawwi ta' koalizzjoni wiesgħa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mmexxija mill-Pjattaforma Ewropea tal-AGE, li kibret għal aktar minn 60 membru. Il-membri tal-Koalizzjoni ħadu sehem f'ħafna attivitajiet tul is-Sena Ewropea, u żviluppaw pjan direzzjonali li ġie ppreżentat fil-konferenza tal-ftuħ tas-Sena fit-18 ta' Jannar 2012 f'Copenhagen.

[13] http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-closing-conference-ey2012

[14] www.cor.europa.eu/EY2012

L-evalwazzjoni esterna fil-kapitolu 3.6 enfasizzat il-komplementarjetà qawwija bejn is-SE2012 u attivitajiet politiċi oħrajn li qed isiru, bħall-White Paper dwar il-Pensjonijiet, il-Forum Demografiku, it-Tieni Programm dwar is-Saħħa, l-Att dwar l-Aċċessibbiltà, u b'mod speċjali, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ attiv u b'Saħħtu.

3.2. L-implimentazzjoni fil-pajjiżi parteċipanti

Il-pajjiżi kollha li ħadu sehem (is-27 Stat Membru, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) ħatru Koordinatur Nazzjonali (KN) kull wieħed.

Il-ħidma tagħhom bdiet ħafna qabel il-ftuħ tas-Sena Ewropea - l-ewwel laqgħa li kellhom saret fit-30 ta' Novembru 2010. Il-KN ħejjew attivitajiet nazzjonali, fejn ippromovew l-attivitajiet lokali u reġjonali b'mod li involvew lill-partijiet ikkonċernati kollha fis-Sena Ewropea. Ippreżentaw il-programmi ta' ħidma nazzjonali lill-Kummissjoni u taw idea ġenerali tal-attivitajiet nazzjonali ppjanati għal matul l-2012[15].

Il-programmi ta' ħidma nazzjonali kienu jirriflettu kuntesti politiċi diversi, b'mod speċjali dwar il-ħtiġijiet tat-tixjiħ attiv, il-prijoritajiet politiċi u d-disponibbiltà tar-riżorsi. Madankollu, il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' avvenimenti u attivitajiet u b'mod partikolari l-organizzazzjoni tal-avvenimenti nazzjonali tal-ftuħ u tal-għeluq, kif ukoll il-kampanji "Ġenerazzjonijiet fl-Iskola" u "Jum il-Forzanzjana" u l-iskema ta' premjazzjoni Ewropea. L-evalwazzjoni esterna tikkonferma r-rilevanza tat-tipi ta' attivitajiet imwettqin.

L-avvenimenti tal-ftuħ kienu jinvolvu total ta' 4 500 parteċipant, u ntwera ħafna appoġġ politiku bil-parteċipazzjoni ta' nies politiċi mlaħħqin.

Biex jintlaħaq pubbliku aktar mifrux, 15-il pajjiż ħatru 115-il ambaxxatur tas-SE2012. Dawn ġew minn ambjenti diversi: akkademiċi, rappreżentanti tal-NGOs, ġurnalisti, atturi u kummerċjanti. L-għadd ta' ambaxxaturi maħtura varja bejn wieħed (fl-Estonja, fl-Ungerija u fil-Polonja) u 38, fl-Awstrija.

L-inizjattiva "generations @ school" ġiet proposta biex jiġi ċċelebrat il-Jum Ewropew għas-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (id-29 ta' April). L-idea kienet li l-anzjani jitħeġġu jidħlu fl-iskejjel u li l-istudenti u l-anzjani jidħlu fi djalogu interġenerazzjonali. Dan kien mod effettiv biex intlaħqu l-iskejjel madwar l-Ewropa u biex titrawwem il-parteċipazzjoni fis-Sena f'livell lokali. L-inizjattiva għenet ukoll biex tattira l-attenzjoni tal-mezzi tax-xandir, partikolarment il-midja lokali. Il-Kummissjoni appoġġat l-inizjattiva permezz tal-kuntrattur tal-komunikazzjonijiet tagħha, li pprovda websajt iddedikat, materjal ta' gwida, riżorsi u sostenn prattiku għal xi inizjattivi lokali.

Il-"Jum il-Forzanzjana" mmarka l-Jum Internazzjonali tal-Anzjani (l-1 ta' Ottubru) u kien maħsub biex jimmobilizza lin-nies ta' età avvanzata biex jagħmlu xogħol ta' volontarjat. L-inizjattiva Jum il-Forzanzjana ngħatat appoġġ mifrux madwar l-Ewropa, u kienu preżenti politiċi mlaħħqa, uffiċjali u rappreżentanti tal-NGOs u personalitajiet għall-avvenimenti ewlenin, li kienu qegħdin jagħmluha ta' ambaxxaturi tas-SE2012. Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat 25 minn dawn l-avvenimenti. Madankollu, l-evalwazzjoni esterna wriet li din l-inizjattiva ma ntlaqgħitx minn pubbliku wiesa' daqs ta' generations@school, aktarx minħabba

[15] http://europa.eu/ey2012/ey2012main.jsp?catId=986&langId=en

li tħabbret aktar tard u f'format mhux daqstant preċiż (ara l-paġni 52 u 79 tal-evalwazzjoni esterna).

Is-SE2012 tat bidu għal għadd kbir ta' inizjattivi għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv fl-Istati Membri. B'kollox, ġew implimentati 748 inizjattiva nazzjonali u tranżnazzjonali matul is-Sena, u dawn huma biss dawk li dehru fil-websajt tal-UE. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ppromovew 291 minn dawn l-inizjattivi. Il-Ġermanja, Spanja u l-Italja kienu l-pajjiżi li kellhom l-ikbar għadd ta' inizjattivi li dehru fil-websajt tal-UE, u warajhom kien hemm Franza, l-Awstrija u l-Polonja. Dawn l-attivitajiet kienu jiffokaw l-iżjed fuq l-iskambju tal-għarfien u tal-esperjenza, kif ukoll fuq is-sensibilizzazzjoni.

Skont l-istħarriġiet li saru mill-evalwatur (ara l-kapitolu 3.2 tal-evalwazzjoni esterna), is-suġġett li ġibed l-aktar attenzjoni kien il-parteċipazzjoni fis-soċjetà, u warajh is-solidarjetà interġenerazzjonali. Intlaħaq tajjeb il-fatt li t-tema tas-Sena kienet wiesgħa biżżejjed biex tippermetti għadd ta' suġġetti differenti, u li minħabba f'hekk il-partijiet ikkonċernati setgħu jagħżlu suġġett li kien l-iżjed rilevanti għalihom. L-evidenza li toħroġ mir-riżultati tal-istħarriġ onlajn tal-Koordinaturi Nazzjonali turi li t-tipi ta' attivitajiet li saru kienu rilevanti għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tal-UE. Il-Koordinaturi Nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati rrispondew li setgħu jagħżlu l-inizjattivi u jaddattawhom għall-kuntesti u l-prijoritajiet tagħhom, ħafna drabi bl-appoġġ tal-kuntrattur tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni.

3.3. L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-inklużjoni soċjali

L-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi kienet ilha fil-ħsieb mill-faži tat-tħejjija tas-SE2012, u kienet irrappreżentata sew fil-Koalizzjoni tal-partijiet ikkonċernati u fil-programmi ta' ħidma ta' bosta Stati Membri, fejn ingħatat attenzjoni speċifika għall-qagħda tan-nisa li huma mdaħħlin fiż-żmien, iżda ma tantx ingħatat attenzjoni lill-esperjenzi tal-irġiel anzjani. In-nisa kienu rrappreżentati sew fost il-Koordinaturi Nazzjonali u fost il-kelliema u l-parteċipanti fl-avvenimenti li saru waqt is-SE (ara l-kapitolu 5 tal-evalwazzjoni esterna).

Is-SE2012 kopriet ukoll firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbutin mad-diżabbiltà, speċjalment kwistjonijiet ta' saħħa u ta' għajxien indipendenti tan-nies anzjani. Kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak tal-Istati Membri, l-inizjattivi indirizzaw id-diżabbiltà direttament u indirettament. L-attivitajiet tas-SE2012 fil-biċċa l-kbira tagħhom żguraw li l-avvenimenti jkunu aċċessibbli u qiesu aspetti diversi, bħal-lingwa tas-sinjali u t-trasport. Fil-websajt tal-UE kien hemm l-għażla ta' tipi akbar, iżda l-evalwazzjoni esterna osservat li din setgħet tfasslet b'mod aktar aċċessibbli għal medda usa ta' nies b'diżabbiltajiet bħall-persuni neqsin mill-vista u dawk neqsin mis-smigħ.

4. X'KISBET IS-SE2012?

4.1. Is-SE2012 laħqithom l-għanijiet tagħha?

Skont l-evalwazzjoni esterna, is-Sena kellha impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet għat-tixjiħ attiv, kemm fil-livell Ewropew, kif ukoll f'dak nazzjonali. L-għanijiet u l-attivitajiet tas-Sena kienu rilevanti u l-approċċ irnexxielu jilħaq l-għanijiet (is-sensibilizzazzjoni, l-istimolu tad-dibattiti u t-tagħlim reċiproku, il-ħolqien ta' qafas għall-impenn u għal azzjoni konkreta fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età).

L-għan tas-**sensibilizzazzjoni** nkiseb, fil-biċċa l-kbira permezz ta' inizjattivi u avvenimenti ta' livelli tal-UE u nazzjonali, li aktar kienu mmirati lejn l-organizzazzjonijiet u l-gruppi tas-soċjetà ċivili milli lejn l-individwi.

L-inizjattiva generations@school mmobilizzat madwar 480 skola u xi 27 000 parteċipant, filwaqt li l-iskema ta' premjazzjoni Ewropea ħeġġet il-ħolqien ta' 1 300 avveniment (inkluż il-maġġoranza tal-avvenimenti ta' generations@school). "Jum il-Forzanzjana" ġibed aktar minn 11 000 parteċipant. Dawn l-inizjattivi ġibdu ħafna attenzjoni lejn is-SE2012 mingħand il-mezzi tax-xandir, u ġibdu l-attenzjoni lejn is-suċċessi u l-eżempji pożittivi enfasizzati fl-iskema ta' premjazzjoni. B'mod ġenerali, is-SE2012 iġġenerat ħafna xandir mill-midja, b'6162 artiklu fl-istampa, 3432 artiklu onlajn u 321 xandiriet.

Filwaqt li l-websajt tal-UE kien riżors importanti għall-partijiet ikkonċernati, ġibed 212 822 individwi, inqas mill-websajts tal-UE ta' Snin Ewropej ta' qabel (fis-SE2010 ġie rrappurtat li kien hemm 400 000 ruħ, u fis-SE2011, kien hemm 366 172). Madankollu, ta' min wieħed jiftakar li 19-il pajjiż kellhom il-websajts nazzjonali.

Fil-livell tal-UE il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fil-midja soċjali kienet limitata, iżda aktar sinifikanti f'ċerti pajjiżi. Pereżempju, fi Spanja nħolqu kontijiet fil-Facebook u Twitter biex titqassam u tixxerred l-informazzjoni dwar is-SE2012. Fl-evalwazzjoni ta' Spanja, ġie stmat li ntlaħqu madwar 700 000 ruħ b'dan il-mod.

Is-SE2012 irnexxielha **tistimula d-dibattitu pubbliku** u **trawwem it-tagħlim reċiproku** dwar it-temi tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. B'mod partikolari, l-avvenimenti tal-ftuħ f'Copenhagen u fil-pajjiżi li pparteċipaw kellhom effetti multiplikaturi. Ġew organizzati wkoll għadd ta' avvenimenti ta' djalogu addizzjonali matul is-Sena fil-pajjiżi kollha li pparteċipaw. Kien hemm ukoll fokus qawwi fuq id-disseminazzjoni tal-prassi tajba. Il-bażi tad-dejta tal-UE kienet strument qawwi għall-iskambju tal-informazzjoni dwar stejjer ta' suċċess u eżempji pożittivi. Għadd ta' proġetti nazzjonali u tranżnazzjonali ppromovew it-tagħlim reċiproku matul is-Sena.

Il-ħtieġa tal-ġlied kontra **d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età** ġiet enfasizzata f'bosta avvenimenti pubbliċi u fi proġetti diversi. F'dan il-kuntest, kienet enfasizzata b'mod partikolari l-importanza li jiżdiedu l-opportunitajiet għat-tixjiħ attiv fl-impjieg.

Tabilħaqq, is-SE2012 offriet **qafas għall-impenn u għall-azzjoni konkreta**. Il-mobilizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar it-tema tas-SE tista' titqies bħala kisba kbira. L-involviment ta' gvernijiet reġjonali u lokali kien sinifikanti wkoll, iżda ma sarx fil-pajjiżi kollha.

Is-SE2012 ħeġġet lil xi pajjiżi biex jew isaħħu aġenda politika nazzjonali dwar it-tixjiħ attiv u s-solidarjetà interġenerazzjonali li kienet diġà teżisti, jew jiżviluppaw strateġiji ġodda. Pereżempju, l-Awstrija varat Pjan Federali għaċ-Ċittadini Anzjani f'Jannar tal-2012. Fi Spanja ġiet adottata White Paper. Din analizzat l-aspetti ewlenin li jiddeċiedu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani.

Għadd ta' pajjiżi varaw programmi ta' politika fl-okkażjoni tas-SE: F'Novembru 2012, il-Belġju waqqaf Kunsill Konsultattiv Federali ġdid għan-nies anzjani; l-Irlanda ddeċidiet li kull awtorità lokali ta' żona fil-pajjiż għandu jkollha l-programm tagħha tal-kontea b'aktar

faċilitajiet għall-anzjani sa tmiem l-2013; F'Awwissu 2012, il-Polonja adottat programm governattiv għall-attivitajiet soċjali taċ-ċittadini anzjani għas-snin 2012 u 2013.

4.2. X'se tħalli ta' ġid is-SE2012?

Tul is-SE2012 ġew żviluppati bosta għodda għall-iżvilupp politiku tal-ġejjieni. Saret edizzjoni ġdida fl-2013 ta' għadd ta' avvenimenti u attivitajiet li rnexxew, bħall-kampanja promossa fil-livell tal-UE "generations@school". Ingħatat gwida għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet politiċi għat-tixjiħ permezz tad-dokument "Guiding Principles on Active Ageing", li ġie approvat mill-Ministri tal-Affarijiet Soċjali tal-UE fis-6 ta' Diċembru 2012[16].

Id-19-il Prinċipju Gwida huma elaborati taħt l-intestaturi tas-Sena: l-impjieg, il-parteċipazzjoni fis-soċjetà, u l-għajxien indipendenti. Dawn huma indirizzati lill-Istati Membri u għal-livelli rilevanti oħrajn tal-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet li jagħtu sehem biex jitjiebu iżjed il-kundizzjonijiet għat-tixjiħ attiv. L-applikazzjoni ta' dawn il-Prinċipji Gwida tgħin ukoll biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 biex jiżdiedu l-impjiegi u jitnaqqas il-faqar, partikolarment minħabba li jkun hemm iżjed nies li jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu għal aktar snin tul ħajjithom u b'hekk ikollhom drittijiet ta' pensjoni aħjar.

Għodda oħra biex jibqgħu fil-mira l-għanijiet tas-SE2012 kienet l-iżvilupp ta' Indiċi tat-Tixjiħ Attiv (ITA)[17] li ġie ppreżentat waqt l-avveniment tal-għeluq u ġie żviluppat tul is-SE b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat Ekonomiku għall-Ewropa tal-Ġnus Magħquda (UNECE) u maċ-Ċentru Ewropew għall-Politika tas-Servizzi Soċjali u r-Riċerka (Vjenna). L-ITA jkejjel id-dimensjonijiet differenti tat-tixjiħ attiv u jikkwantifika l-potenzjali mhux utilizzati ta' kull pajjiż. Dan l-Indiċi għandu jgħin lil min ifassal il-politika biex jidentifika l-isfidi u l-potenzjali mhux utilizzati għall-parteċipazzjoni aktar attiva tal-anzjani fl-ekonomija u fis-soċjetà, u jippermetti l-monitoraġġ tal-progress. L-iżvilupp tal-indiċi għadu għaddej, biex dan jista' jiġi aġġornat skont id-dejta l-iżjed riċenti u possibbilment jista' jiġi kkalkulat fil-livelli sottonazzjonali.

Il-Koalizzjoni tal-partijiet ikkonċernati fis-SE2012 ippreżentat pjan direzzjonali rivedut[18] fl-10 ta' Diċembru 2012 waqt il-konferenza tal-għeluq tal-Presidenza ta' Ċipru tas-SE2012 f'Nicosia. Dan kien fih għadd kbir ta' inizjattivi ta' segwitu li għadhom iżommu r-ritmu li laħqu waqt is-Sena Ewropea. Waħda minn dawn l-inizjattivi hija l-iżvilupp ta' Patt tas-Sindki dwar it-tibdil demografiku, fuq il-mudell tal-patt tas-sindki dwar l-enerġija sostenibbli[19]. Dan ikun jipprovdi qafas li jippermetti lil min ifassal il-politika lokali u reġjonali jimpenja ruħu biex iwettaq miżuri ġodda b'reazzjoni għat-tixjiħ. It-twaqqif ta' dan il-patt huwa maħsub fil-kuntest tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu (EIP AHA), u l-grupp ta' ħidma tiegħu dwar "L-innovazzjoni għal bini, bliet u ambjenti favur l-anzjani". [20]

---

[16] Id-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq 'il Quddiem, Brussell, is-7 ta' Diċembru 2012.

[17] http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&newsId=1837&furtherNews=yes

[18] http://www.age-platform.eu/images/stories/Updated_EY2012_Roadmap_Coalition_FINALVERSION1.doc

[19] http://www.covenantofmayors.eu

[20] http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=8710&langId=en

L-EIP AHA tirrappreżenta kontribut sinifikanti mingħand l-UE biex jintlaħqu l-miri tas-SE2012[21]. Il-Kummissjoni Ewropea għarfet li popolazzjoni li qed tixjieħ hija sfida soċjali komuni għall-pajjiżi kollha Ewropej, għalhekk tat prijorità lil dan il-fatt fl-Unjoni tal-Innovazzjoni, li hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020. L-aktar għan importanti tas-Sħubija huwa li l-għadd medju ta' snin ta' ħajja f'saħħitha fl-UE jiżdied b'sentejn sal-2020. Il-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni (PSI) ta' din l-inizjattiva jistabbilixxi l-azzjonijiet prijoritarji biex tintlaħaq l-isfida tat-tixjiħ permezz tal-innovazzjoni u jiffoka fuq tliet oqsma ewlenin: il-prevenzjoni, il-kura u t-trattament, u l-għajxien indipendenti. L-azzjonijiet dwar it-tixjiħ attiv żviluppati fil-kuntest tas-SE2012 jistgħu jitkomplew fil-qafas usa tal-EIP AHA, u b'hekk jkunu qegħdin jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Ewropa 2020.

5. KONKLUŻJONIJIET

Is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet irnexxielha timpenja l-ħidma ta' bosta atturi governattivi u mhux governattivi. Għenet biex tat perspettiva aktar pożittiva tat-tixjiħ tal-popolazzjoni billi enfasizzat il-potenzjali tal-anzjani u ppromoviet il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà u fl-ekonomija.

Bosta Stati Membri u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili użaw is-Sena Ewropea bħala opportunità biex jiżviluppaw inizjattivi ġodda jew isaħħu dawk li diġà kienu jeżistu. L-attivitajiet li nbdew mis-SE2012 urew kemm qed jikber l-interess fit-tixjiħ attiv. Għal dan il-għan, ġew jew qegħdin jiġu żviluppati bosta għodda, b'mod partikolari l-prinċipji gwida dwar it-tixjiħ attiv, l-indiċi tat-tixjiħ attiv, u l-patt dwar it-tibdil demografiku.

Dawk li jfasslu l-politiki fl-Istati Membri huma mistiedna li jutilizzaw dawn l-għodda għall-massimu. L-UE se tkompli tappoġġahom. Dan l-appoġġ se jsir fil-forma ta' gwida politika, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, fejn ġew indirizzati lill-maġġoranza tal-Istati Membri r-rakkomandazzjonijet dwar karrieri itwal, u aktar riċentement, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż dwar il-kura fit-tul. It-tixjiħ attiv huwa wkoll qasam ta' investiment soċjali importanti, kif ġie enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni"[22]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jużaw il-Prinċipji Gwida għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet u l-Indiċi tat-Tixjiħ Attiv.

Għaldaqstant, it-tixjiħ attiv u b'saħħtu huwa waħda mill-prijoritajiet għall-investiment tal-Fond Soċjali Ewropew fil-perjodu pprogrammat tal-2014 sal-2020. Il-finanzjament ta' proġetti li jippromwovu t-tixjiħ attiv huwa disponibbli f'medda wiesgħa ta' programmi u strumenti finanzjarji tal-UE. Waħda mill-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu hija li tikkombina dawn il-programmi/strumenti mal-prijoritajiet identifikati għat-tixjiħ attiv u f'saħħtu filwaqt li jiġi evitat l-irduppjar bejn strument u ieħor.[23]

Rigward il-pilastru dwar l-għajxien indipendenti tas-SE2012, il-Kummissjoni tappoġġa lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-produzzjoni ta' rapport dwar il-kura fit-tul li ġie ppubblikat

[21] "Il-progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" COM(2012) 83finali

[22] COM(2013) 83 final 20.2.2013.

[23] COM(2012) 83finali

f'Ġunju 2014. Dan eżamina kif jista' jingħalaq id-distakk bejn id-domanda għall-kura fit-tul u l-forniment tagħha permezz ta' investiment xieraq f'miżuri li jnaqqsu l-ħtieġa tal-kura fit-tul u jżidu l-effiċjenza li biha tingħata din il-kura, fost mezzi oħrajn bl-użu ta' servizzi negħjunin mit-teknoloġija[24]. Huwa kompla wkoll jibni fuq l-eżempji mis-sħab tal-EIP AHA. Il-ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet tkompli wkoll fil-kuntest tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, li turi kif l-UE tista' tgħin lill-Istati Membri billi tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki, billi tirriċerka u tittestja soluzzjonijiet ġodda, u billi trawwem l-innovazzjoni teknika u soċjali

Is-SE2012 tat kontribut biex it-tixjiħ attiv iddaħħal sew fl-aġendi politiċi tal-Ewropa u f'bosta aġendi politiċi nazzjonali b'aproċċ transettorjali u b'diversi partijiet ikkonċernati. Dan il-momentum irid jinżamm. Is-solidarjetà kbira bejn il-ġenerazzjonijiet li tikkaratterizza lis-soċjetajiet u lis-sistemi tas-servizzi tal-kura Ewropej tista' tkompli tinżamm biss, fil-kuntest tal-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu u tal-baġits ristretti, billi nippromwovu t-tixjiħ attiv fil-forom kollha tiegħu.

[24] Ara l-istudju ta' riċerka li jappoġġa l-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali ICT-AGE : Long Term Care Strategies for Independent Living of Elderly People li twettaq minn EC JRC IPTS.
http://is.jrc.ec.europa.eu/pages/EAP/eInclusion/carers_ICTAGE.html